# Smigħ Tikka Malti 4a

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/tikkamalti/4/podcasts.html**

## Taqsima 1: Min ifittex isib

*Paġna 8*

**Paġna minn dizzjunarju**

Din hija paġna minn dizzjunarju. Dizzjunarju huwa ktieb li fih issib ħafna kliem u xi jfisser. Fid-dizzjunarju ssib ittra wara oħra. Din l-ewwel paġna tal-ittra Ċ. Qabilha hemm l-ittra B u warajha hemm l-ittra D. L-ittra Ċ fuq nett tal-paġna miktuba b'ittri kbar u b'ittri żgħar. L-ewwel kelma fuq din il-paġna hi "ċajta". "Ċajta" tibda bħal "ċapċap" bl-ittri "ċa" imma tiġi qabel "ċapċap" għax il-j tiġi qabel il-p. Fejn il-kelma ewlenija jkun hemm abbrevjazzjoni li turina x'tip ta' kelma hi. Il-kelma "ċajta" hija nom u allura ħdejha għandha n żgħira. Il-kelma "ċass" x'inhi? Hija aġġettiv għax ħdejha għandna a żgħira. Il-v ħdejn "ċaqlaq" turina li huwa verb. Taħt kull kelma ewlenija nsibu t-tifsira tagħha, u xi drabi nsibu aktar minn tifsira waħda. Bit-tipa skura jingħataw eżempji differenti fil-femminil u l-plural tal-kelma.

*Paġna 10*

Dan huwa ajruplan tal-injam. Kont qlajtu mingħand il-ġenituri tiegħi meta kont iżgħar. Għaqqadtu mal-papà u għamel ħafna żmien imdendel fil-kamra tiegħi. Dan l-ajruplan isfar u għandu l-ġwienaħ u l-iskrun bojod. Issa la għadni nilgħab bih u lanqas għadu mdendel imma qiegħed fuq xkaffa. Huwa oġġett għal qalbi ħafna għax la nikber nixtieq insir pilota biex b'hekk inkun nista' nżur ħafna postijiet.

*Paġna 12*

www.fittexusib.com

Fis-sit www.fittexusib.com issibilna minn kollox!

Għax-xahar ta' Awwissu għandna 50% skont fuq:

kelb taċ-ċeramika gustuż
ċerv tal-injam difettuż
bieb kulur iż-żebbuġ iswed u ż-żebbuġ aħdar
ktieb ta' xi ħadd famuż
dud skadut ġo basket tal-ġild
qalb tad-deheb minn pajjiż 'il bogħod
xorb tajjeb bis-silġ u ftit ħalib
żewġ statwettiet ta' qtates mill-Pwales
ħobż frisk ġo boroż tal-karti
sodod ftit rotob bil-ħotob
arloġġ boċċu ġo gaġġa tas-sriep

opportunità ta' darba • ħlas bin-nifs • tpartit aċċettat ukoll

*Paġna 15*

Għandek bejn is-sitta u s-sittax-il sena? Taf tkanta? Tixtieq issemma' leħnek? Tixtieq tingħaqad ma' għexieren ta' tfal oħra fuq palk enormi? Mela din hija l-opportunità għalik. Bejn l-10 u l-20 t'Ottubru se jsiru provi tal-kant biex tingħaqad mal-kor tat-tfal tat-tenur Malti Joseph Sammut. Dakinhar tal-provi jkun meħtieġ li ġġib miegħek kanzunetta bla kliem sabiex tkantaha quddiem il-ġurija. Qed infittxu tfal u żgħażagħ Maltin biex ikantaw fil-kor ta' Joseph Sammut fil-Vatikan.

Titlifx din l-opportunità tad-deheb billi tniżżel il-formola mis-sit: www.korkanta.info

## Taqsima 2: Min jiftaħar jaqa' l-baħar

*Paġna 22*

Din Olive! Olive kelba tal-fenek. Għandha ħames snin imma ilha għandi erba' snin. Olive hija kelba kannella, irqiqa u twila. Meta togħla fuq saqajha ta' wara tiġi itwal minni! Għandha għajnejha qishom jagħtu fl-aħmar. Tħobb tikkaċċja imma aħna rrabbuha fid-dar magħna u noħorġuha għal mixja kuljum. Qabel ma kellna lil Olive, kienu jogħġbuni ħafna l-klieb tal-fenek għax fuq tagħhom u dħulin. Iz-ziju kellu wieħed jismu Ġakki u llum, Ġakki, ħabib kbir ta' Olive. Olive tħobb tilgħab b'ħabel żgħir b'għoqda f'kull tarf. Meta nitfagħlha l-ħabel tiġri biex taqbdu, u malajr tiġi tiġri lura bih. Ilbieraħ xtrajnhielha flokk b'isimha fuqu għax fix-xitwa tgħidx kemm tħoss bard! Issa naraw tiħux gost bih jew le.

## Taqsima 3: Ix-xogħol salmura tal-ġisem

*Paġna 34*

**Intervista ma' pustiera**

*A - intervistatur*
*B - il-pustiera*

A Katya, hux Katya jismek?
B Iva. Bonġu.
A Bonġu. Katya, tgħidilna ftit dwar il-ġurnata ta' pustiera?
B Iva. Mela. Fis-7 nitilgħu Ħal Qormi. Hemmhekk nibdew inqassmu l-ittri skont il-postijiet …
A Jiġifieri Katya, ejja ngħidu, imissek ir-Rabat …
B Eżatt. Ir-Rabat jinqasam skont it-toroq tiegħu.
A Nismagħhom isemmu l-kelma garżelli. Xi jkunu?
B Il-garżelli jkunu kaxex fejn jitpoġġew l-ittri ta' kull bieb. Kull bieb li hemm fit-triq ikollu l-ispazju tiegħu u aħna l-pustiera llestu l-ittri bieb bieb, wara xulxin …
A Allura kull pustiera għandha t-toroq tagħha?
B Hekk hu, kulħadd għandu t-toroq tiegħu, jew ir-rotta. Wara ftit tidraha sew ir-rotta mbagħad. Tidra t-toroq, tidra d-djar, tkun taf il-kaxxa tal-ittri fejn qiegħda u hekk l-affarijiet ikunu iktar faċli.

A Allura xi kemm iddum tqassam l-ittri?
B Jiddependi mix-xogħol. Ġieli erba' sigħat, ġieli tlieta … ġieli inqas jew iktar … skont il-bżonn… skont it-temp …
A U meta toħroġ, tpoġġi l-ittri kollha fil-basket?
B Fl-ewwel vjaġġ tieħu l-ittri mill-basket. Imbagħad ikun hemm xkejjer tal-ittri li jitpoġġew fil-kaxex il-ħomor li jkunu fit-toroq u meta jispiċċaw l-ittri tal-basket, nimlew minnhom.
A Min jeħodha hemm l-ixkora?
B Ikun hemm il-messaġġier u jeħodha hu.
A U wara tliet sigħat jew iktar mixi, tkun lestejt ir-rotta, sewwa? X'tagħmel imbagħad? Tmur id-dar?
B Le, imbagħad immur Ħal Qormi biex nara li kollox jaqbel ma' dak li qassamt … u wara mmur id-dar!
A U issa?
B Għal-lum daqshekk. Kollox għandi lest. Imma m'iniex sejra d-dar. Sħana wisq illum. Se mmur ngħum ftit. U jien il-baħar tgħidx kemm inħobbu. Ħallejtek.
A Saħħa u grazzi talli qsamt miegħi din l-informazzjoni kollha.

*Paġna 39*

Immaġinak tkun l-ewwel mara Amerikana li qatt tlajt fl-ispazju. Immaġinak tkun l-iżgħar astronawta li qatt tlajt fl-ispazju. Sally Ride telgħet għall-ewwel darba t'età żgħira ħafna! Kien Ġunju tal-1983 u kellha 32 sena. Sally twieldet f'Mejju f'California, l-Amerka u studjat fl-Amerka wkoll. Kienet tilgħab ħafna sports differenti u tikteb il-kotba dwar ix-xjenza għat-tfal. Kotba dwar il-Qamar, ix-Xemx, Merkurju, Venere, Marte, Ġove, Saturnu, Uranu u Nettunu. Sally applikat għal xogħol man-NASA u kienet waħda minn sitt nisa li ntgħażlu. Il-vjaġġ fl-ispazju beda s-Sibt 18 ta' Ġunju u ntemm il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju. Sally mietet f'Lulju meta kellha 61 sena.

## Taqsima 4: Kelb rieqed la tqajmux

*Paġna 52*

Insellmilkom. Jiena Daniel Barbara f'isem l-istazzjon *Pet Television*. Bħalissa ninsab f'raħal ċkejken bl-isem ta' Muxa u ma nafx indunajtux diġà fejn qiegħed. Naħseb li qed tisimgħu lil kulħadd inewwaħ, mhux hekk? Iva sewwa qed tisimgħu, għax fil-fatt qiegħed f'dar li fiha hawn mitt qattus. Id-dar hija ta' Kelly, mara anzjana, għandha iktar minn 70 sena u xogħolha, tieħu ħsieb dawn il-qtates. In-nies jibagħtulha wkoll ħafna ikel u kutri, blalen taċ-ċarrut u affarijiet oħra li tiġi bżonn biex iżżomm lil dawn il-qtates kuntenti. U naħseb li jekk nistaqsu ftit lil dan il-ġinġri li qed iħakkek ma' saqajja u ngħidlu, "Ġinġer, int kuntent hawn?" "Mjaw!" Smajtuh? Qalilna mjaw. Persważ li tfisser li huwa kuntent ħafna.

## Taqsima 5: Min jimxi bil-mod jasal kmieni

*Paġna 65*

**Paċikk**

Wieħed, tnejn, tlieta,
Paċikk qabeż mit-tieqa
Erbgħa, ħamsa, sitta
Tilef il-beritta
Sebgħa, tmienja, disgħa
Iltaqa' ma' grupp nisa
Għaxra, ħdax, tnax
Tawh faxxa u ma ndunax

Tlettax, erbatax, ħmistax,
Ried itellaq u ma setax
Għoxrin, tletin, erbgħin
Lil ħadd ma seta' jgħin
Ħamsin, sittin, sebgħin
Bis-swaba' mweġġgħin
Tmenin, disgħin u mija
Issa qtajt nifsi jien, mamma mia!